Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 697/2001/1

**Francis Galea u Oreste Mercieca eżercitanti l-kummerċ taħt l-isem Pastizzeria Galea (appellanti)**

**Vs**

**Joseph Galea u martu Rita Galea għal kull interess li jista' jkollha fil-liġi (appellati)**

12 ta' Lulju, 2019.

1. L-atturi ħarrku lill-konvenuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għall-ħlas ta' Lm2968.62, in kwantu għal:

- Lm1,868.62 prezz ta' merkanzija mibjugħa u kosenjata lill-konvenut;
- Lm1,100 valur ta' nofs indiviz ta' cold room;

2. Talbu wkoll li l-konvenuti jkunu kundannati jirritornaw 107 ċestun tal-merkanzija u fin-nuqqas iħallsu somma likwidata mill-qorti, valur tal-istess.

3. B'sentenza tas-26 ta' Ottubru, 2015 l-ewwel qorti ċaħdet it-talbiet tal-atturi wara li kkunsidrat li:

- Dwar il-***cold room***, probabbilment il-verżjoni tal-konvenut hi l-iktar waħda korretta. Il-qorti qalet:

> *"Mhux verosimili li l-attur Galea iħalli lil salesman wieħed jixtri cold room waħdu (Mercieca – l-attur l-ieħor odjern), u lil salesman l-ieħor jixtri l-cold room bi sħab miegħu. Il-konvenut jammetti li dak iż-żmien ma kienx f'posizzjoni finanzjarja tajba, u għalhekk hu verosimili li l-attur Galea biex igħin lill-konvenut, li jiġi ħhuħ fil-bidu xtraha bi sħab miegħu nofs bin-nofs, imbagħad sussegwentement il-konvenut irrifondilu ir-rimanenti bilanċ ta' nofs il-prezz f'żewġ pagamenti.*

*Inoltre, l-atturi ma ġabu l-ebda prova li fil-kotba tan-negozju li suppost iżommu skont il-liġi hemm imniżżel li huma proprjetarji ta' nofs din il-Cold Room"*.

- B'riferenza għall-**bilanċ ta' prezz ta' merkanzija**, l-ewwel qorti qalet:

  *"Tenut kont tal-fatt li l-attur Galea u l-konvenut ma spiċċawx ir-relazzjoni ta' xogħol tagħhom fuq nota tajba – minħabba diversi allegazzjonijiet dwar kif il-konvenut kien qed jeżegwixxi ix-xogħol, dwar liema allegazzjonijiet inċidentalment ma nġabet l-ebda prova indipendenti f'dawn il-proċeduri – u tenut kont ukoll tal-fatt, li l-attur ma ġabu l-ebda prova li dan l-ammont jirriżulta dovut mill-kotba tal-kummerċ li għall-inqas l-attur Joseph Galea kien obbligat li jżomm skond il-liġi, din il-Qorti hija tal-opinjoni li l-atturi ma rnexxielhomx jippruvaw din l-alklegazzjoni tagħhom fuq bażi ta' probabbilta"*.

- Dwar iċ-**ċestuni**, l-ewwel qorti qalet:

  *"Mill-provi prodotti mill-attur Galea stess, hu kellu 124 ċestun li xtrahom qabel beda jaħdem miegħu l-attur, u qed jallega li l-konvenut ħadlu 107 ċestun minnhom u allura ħallih biex jaħdem b'17 il-ċestun. Huwa veru li l-attur Mercieca li kien jaħdem mal-attur Galea kellu 50 oħra, pero mhux verosimili, li l-attur baqa' jaħdem 67 ċestun biss – prattikament in-nofs taċ-ċestuni li kell oriġinarjament. Fix-xhieda tiegħu, l-attur Galea imkien ma allega li kellu jixtri iktar ċestuni għax il-konvenut kien qed jirrifjuta li jirritornalu il-107 ċestun li jallega li ħadlu.*

  *Għalhekk fuq bażi ta' probabbilta', il-verżjoni tal-konvenut li hu rritorna lill-attur Galea ċ-ċestuni kollha li kellu hija aktar kredibbli, u l-attur ma rnexxielhomx jippruvaw l-allegazzjoni tagħhom"*.

4. L-atturi appellaw mis-sentenza bl-aggravji tagħhom ikunu dwar l-apprezzament tal-provi u l-applikazzjoni tal-liġi.

5. Il-konvenuti wieġbu u taw ir-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jkun miċħud.

6. Fir-rikors tal-appell, l-attur kkritikaw il-konklużjoni tal-ewwel qorti li qieset il-verżjoni tal-attur Mercieca bħala mhux kredibbli għaliex mill-provi ma rriżultax li kien sħab mal-atturi Galea. L-atturi jsostnu li l-konvenuti qatt ma kkontestaw l-fatt li Mercieca kien sħab mal-attur l-ieħor. Fil-fatt il-konvenuti stess ma tawx eċċezzjoni f'dak is-sens.

7. Wara li l-qorti qrat l-atti, minn dak li xehed l-attur Galea stess, hu evidenti li l-ħlas li qiegħed jintalab f'din il-kawża m'għandu x'jaqsam xejn mal-perjodu li fih l-atturi kienu sħab. F'dan ir-rigward il-qorti taqbel mal-ewwel qorti li fil-

perjodu li għalih tirreferi l-kawża, Mercieca kien biss *salesman* tal-attur. Hekk per eżempju Mercieca xehed:

> *"Ngħid ukoll illi l-konvenut għandu wkoll jagħtina nofs il-valur ta' cold room li aħna xtrajna bi sħab ugwalment miegħu iżda li huwa baqa' ma ħallasx sehemu għalih meta nxtara u fl-istess waqt agħżel li jżomm għalih dan il-coldroom".*

Verżjoni ferm differenti minn dik li ta l-attur Galea:

> *"In rigward din il-coldroom mort jiena stess għand l-ECB u ordnajt tnejn sabiex nagħti waħda lis-salesman l-ieħor Mercieca. Pero' Mercieca kien xtara din il-cold room hu stess personalment u ħallasha hu stess".*

8. Kliem li għall-qorti jikkonferma li fiż-żmien meta sar l-akkwist, Mercieca kien *salesman* mal-attur u ma kinux sħab. Meta taqra d-deposizzjoni tal-attur Galea l-uniku konklużjoni li wieħed jista' jasal għaliha hu li fil-perjodu rilevanti għall-kawża, in-negozju kien tal-attur Galea biss filwaqt li l-konvenut u l-attur Mercieca kienu salesmen jaħdmu miegħu.

9. Dwar il-*cold room*, il-konvenut xehed (fol. 27):

> *"Meta jiena kont nixtri l-merkanzija mingħand ħija, parti minnha ma kontx inbiegħha. Għalhekk ħija kien issuġġerili li jiena minflok inreġġa l-merkanzija lura lilu, nixtri cold room u inpoġġiha fil-garaxx tiegħi sabiex ġo fiha nżomm il-merkanzija. Jiena spjegajtlu li dak iż-żmien jiena ma kellix flus sabiex nixtri l-cold room.* ***Għalhekk issuġġerixxa huwa stess sabiex nixtriha bi sħab. <u>Jiena wara li xtrajna din il-cold room</u> għidtlu li meta nista' nagħtih sehemi.*** *Il-cold room ġiet tiswa elfejn u mitejn lira Maltin (Lm2,200).* ***<u>Ħija ħareġ il-prezz kollu</u> bil-patt li jiena nagħtih lura elf u mitt lira (Lm1,100).***
>
> *Rigward pagamenti, fi Frar 1999 jiena tajt lil ħija pagament akkont ta' ħames mija u ħamsin liri Maltin (Lm550). Sussegwentement f'Marzu 2000, jiena tajtu l-bilanċ kollu, ħames mija u ħamsin lira Maltin (Lm550).*
>
> *Għalhekk sa Marzu, 2000, jiena ħallast kollox lura lil ħija in konnessjoni mal-cold room. Il-cold room għadu għandi fil-garaxx. Hawnhekk nixtieq niċċara punt.*
>
> ***Meta nxtrat il-cold room oriġinarjament, jiena kont diġa ħriġt nofs il-prezz. Jiena tajt lura lil ħija dak li kien fadal mill-prezz. Għalhekk il-cold room hija tiegħi, kollha kemm hi.*** *Irċevuti m'għandix. Jiena dejjem ħallejt f'idejn ħija u qatt ma tlabtu rċevuti. Mingħalija l-cold room konna xtrajniha mingħajr irċevuta".*

10. Il-qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-2 ta' Ġunju, 2003 fl-ismijiet **Middle Sea Insurance plc nomine vs Victor Sammut** fejn qalet:

*"F'każ ta' konflittwalità l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taċċerta ruħha jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet possibbli għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq l-bilanċ tal-probabilitajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi".*

11. Wara li qrat l-atti, tosserva kif:

i. Il-*cold room* kellha tinxtara bi sħab bejn l-aħwa Galea. Il-konvenut stess xehed li *'xtrajna din il-cold room'* u li qallu *'meta nista' nagħtih sehemi'*. Kliem li ma jħallu l-ebda dubju li l-*cold room* inxtrat bi sħab bejn l-aħwa Galea.
ii. Il-konvenut xehed li l-attur Galea ħallas il-prezz kollu. Pero' wara biddel il-verżjoni billi qal li qabel inxtrat, kien diġa' ħallas nofs il-prezz lill-ħuħ l-attur. Żewġ verżjonijiet totalment differenti minn xulxin, li jrendu lill-konvenut mhux kredibbli dwar il-*cold room*.
iii. Filwaqt li fil-pitazz li l-ppreżenta l-konvenut hemm riferenza għaż-żewġ pagamenti fuq imsemmija (ara l-parti fejn hemm iċ-ċifri u d-dati), m'hemmx riferenza għall-ħlas ta' Lm1,100 li jgħid li ta lill-attur qabel inxtrat il-*cold room*. Indizju ieħor favur l-attur Galea.
iv. Hu fatt li din il-qorti ma semgħetx lill-konvenut jixhed. Pero' l-istess ġara fil-każ tal-Maġistrat li kienet qegħda tippresjedi l-ewwel qorti meta l-kawża kienet deċiża.
v. Għalkemm Mercieca xtara l-*cold room*, hemm qbil bejn l-attur Galea u l-konvenut li l-*cold room* kellha tinxtara bi sħab. Il-każ tal-konvenut ma kienx bħal dak ta' Mercieca, meta tqies li l-konvenut stess xehed li ma kellux il-mezzi finanzjarji sabiex jixtri l-*cold room*.

12. Għalhekk fil-fehma tal-qorti meta tqies dawk il-konsiderazzjonijiet, m'hemmx konklużjoni oħra li l-ewwel qorti kellha tasal għaliha għajr li l-*cold room* inxtrat bi sħab bejn l-aħwa Galea. Hu evidenti li l-konvenut agħżel li jibqa' jżomm l-oġġett u ħu evidenti li ħuħ mhu jsib l-ebda oġġezzjoni. Fil-fehma tal-qorti ma jkunx sew li l-konvenut jitħallas is-somma kollha ta' Lm1,100 ġialadarba l-cold room kienet qegħda taqdi l-bżonnijiet tat-tnejn li huma. Dan

għall-perjodu ta' kważi sentejn. Għalhekk il-qorti ser tillikwida s-somma ta' elf u tmien mitt ewro (€1,800) bħala l-ammont li għandu jitħallas mill-konvenuti lill-attur Galea, bħala sehemu mill-valur tal-*cold room*.

13. Dwar is-somma ta' Lm1,868.62, ħlas li l-atturi jippretendu bħala bilanċ b'riferenza għall-merkanzija li l-konvenut biegħ, mhemmx diżġwid bejn l-aħwa Galea li dik kienet is-somma li kellha titħallas mill-konvenut meta ma kompliex jaħdem ma' ħuħ. F'dan ir-rigward il-qorti tagħmel riferenza għall-pitazzi li ppreżentaw il-konvenut u l-attur Mercieca, fejn fl-aħħar tissemma dik iċ-ċifra. Hemm biss diskrepanza ta' ftit ċenteżmi li hi irrilevanti.

14. Filwaqt li l-konvenut xehed li l-aħħar pagament kien għamlu f'Lulju 2001, fil-pitazz li ppreżenta (fol. 29) hemm *entry* li fis-6 ta' Lulju, 2001 ħallas Lm1868.52. Hu minnu li l-konvenut ta l-eċċezzjoni tal-pagament u għalhekk kellu jagħti prova li ħallas dak l-ammont. L-attur xehed li fl-aħħar il-konvenut kien fadallu jħallas Lm1,906.25 u wara li vverifikaw x'kien ingħata merkanzija u ħlasijiet li għamel, irriżulta li kien hemm żball u ftehemu li s-somma dovuta kienet Lm1,868.62. Kompla (fol. 40):

> *"L-għada filgħodu sar dak id-diskors li spjegajt aktar 'il fuq. Fil-fatt kif għidtlu li lil Ġorġ kont ser nerġa ntih prodotti tiegħi jien, hu qalli 'Mela jien m'għandi intik xejn'. Anzi qalli, 'kont tajthomlok'"*.

15. L-ewwel qorti kkonkludiet li minħabba diversi allegazzjonijiet dwar kif il-konvenut kien qiegħed iwettaq id-dmirijiet tiegħu u li l-atturi ma ġabu ebda li l-ammont jirriżulta mill-kotba tal-kummerċ, *"l-atturi ma rnexxielhomx jippruvaw din l-allegazzjoni tagħhom fuq bażi ta' probabbilta"*. Fir-realta' l-prova tal-pagament kellha ssir mill-konvenuti, ċjoe' li ħallsu lill-attur Galea s-somma ta' Lm1,868. Prova li mhux bilfors kellha ssir permezz ta' dokument.

16. Fis-sentenza **Manuel Zerafa –vs- Nazzareno Muscat Scerri**, Prim'Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, tas-27 ta' Mejju 1970 intqal:

> "*bhala konsiderazzjoni legali dwar in-natura tal-oneru tal-provi in materja ta' pagamenti ta' debiti civili l-Qorti tirritjeni li, ghalkemm kif dejjem gie ritenut, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega,* ***f'kaz ta' dubju ragjonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le dan id-dubju ghandu dejjem imur favur il-konvenut ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq***

> ***l-attur mill-bidu sa l- ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu.*** *U fil-kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi inkombenti rispettivament lilhom, cioe' l-attur l-esigibilita' u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa dejjem jimpera l-principju "actore non probante reus absolvitur". L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il- principju l-iehor "reus in excipiendo fit actor", ghax, jerga' jinghad, l-oneru centrali tal-akkuza jibqa' fuqu. Altrimenti f'kull kaz ta' konflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa' sospiza fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu*."

17. Il-qorti ma tista' ssib l-ebda raġuni għalfejn il-konvenut qal lill-attur li mhux ser iħallsu dik is-somma fil-mument kif l-attur infurmah li kien ser jerġa jibda jagħtih ix-xogħol lil Ġorġ. Dan inissel dubju fil-qorti kemm l-ammont għadu dovut, li skont l-insenjament fuq riprodott għandu jmur favur il-konvenuti.

18. Fir-rigward taċ-ċestuni, il-qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni li r-raġunament tal-ewwel qorti kien manifestament żbaljat u kellha tiddeċiedi mod ieħor. Fir-rikors tal-appell l-atturi ma qalu xejn ġdid li jista' jikkonvinċi lil din il-qorti mod ieħor. Iż-żewġ *delivery notes* li ppreżentaw l-atturi (datati Novembru, 1995 u 15 ta' Jannar, 1997 u maħruġa minn Modern Plastic Containers Ltd), mhumiex prova li dawk iċ-ċestuni kienu jew baqgħu għand il-konvenut meta ma baqax jaħdem mal-attur. Inoltre, mid-deposizzjoni tal-attur Galea m'hemm xejn li jista' jwassal lill-qorti biex tikkonkludi li l-konvenut żamm għandu 107 ċestun li fih kienet titpoġġa l-merkanzija.

**Għal dawn il-motivi tiddeċiedi l-appell billi tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-26 ta' Ottubru, 2015 billi:-**

1. **Tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti;**
2. **Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur Joseph Galea biss, is-somma ta' elf u tmien mitt ewro (€1,800) fir-rigward tal-*cold room* li issa hi tal-konvenuti. Bl-imgħax mil-lum;**
3. **Għall-kumplament tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel qorti;**
4. **Spejjeż taż-żewġ istanzi jinqasmu in kwantu għal 70% a karigu tal-atturi u 30% a karigu tal-konvenuti.**

Anthony Ellul.